

Brussell, 26 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10713/19

ENV 663
CHIMIE 93
COMPET 554
IND 199
PHARM 40
AGRI 366
RECH 391
ECOFIN 676
ECO 78
SOC 523
SAN 333
CONSOM 195
MI 547
ENT 161

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Ġunju 2019
lil:	Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.:	10279/19
------------------	----------

Suġġett:	Lejn Strateġija tal-Unjoni rigward il-Politika dwar is-Sustanzi Kimiċi - Konklużjonijiet tal-Kunsill
----------	---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-Unjoni rigward il-Politika dwar is-Sustanzi Kimiċi, adottati mill-Kunsill fit-3705 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Ġunju 2019.

Lejn Strateġija tal-Unjoni rigward il-Politika dwar is-Sustanzi Kimiċi

Konklużjonijiet tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR FI:

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (is-Seba' EAP)¹ għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-rapport dwar l-evalwazzjoni tal-programm²;

Il-prinċipju ta' prekawzjoni, il-prinċipji tal-azzjoni preventiva u ta' rettifika tat-tniġġis mis-sors u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas;

Ir-Risoluzzjoni tal-AĠNU tal-25 ta' Settembru 2015 dwar "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli" u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) direttament rilevanti għall-politika tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi li jinkludu l-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, il-mixja lejn produzzjoni u konsum sostenibbli, il-promozzjoni ta' teknoloġiji sostenibbli u l-iżgurar tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi;

Ir-risoluzzjonijiet tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEA) 1/5 dwar is-sustanzi kimiċi u l-iskart, 3/4 dwar l-ambjent u s-saħħa, speċifikament it-taqsima dwar is-sustanzi kimiċi, 2/7 u 4/8 dwar il-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u l-iskart; id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-UNEA fir-raba' sessjoni tagħha, intitolata Soluzzjonijiet innovattivi għal sfidi ambjentali u konsum u produzzjoni sostenibbli;

¹ ĠU L 354 tat-28 ta' Diċembru 2013, p. 171.

² Dok. 9416/19 - COM(2019) 233 final + ADD 1 u 2

Il-Global Chemicals Outlook II mogħti mandat mill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEA) isib li l-għan globali li jitnaqqsu l-impatti negattivi tas-sustanzi kimiċi u l-iskart mhux ser jinkiseb sal-2020 u li tinħtieġ b'mod urġenti azzjoni madwar id-dinja aktar ambizzjuża mill-partijiet ikkonċernati kollha;

L-Approċċ Strateġiku għall-Ġestjoni Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi (SAICM) b'azzjonijiet u għanijiet stipulati fil-kwistjonijiet emerġenti ta' politika u kwistjonijiet oħra ta' tħassib u l-proċess intersessjonali għal ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u l-iskart lil hinn mill-2020;

Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni "L-effetti tal-kombinazzjoni tas-sustanzi kimiċi - Taħlitiet kimiċi"³, "Dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari: alternattivi li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart"⁴, ir-"Rapport Ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-operat tar-REACH u rieżami ta' ċerti elementi"⁵, "Lejn Qafas tal-Unjoni Ewropew komprensiv dwar l-interferenti endokrinali"⁶, u l-"Approċċ Strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent"⁷ u "Is-sejbiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-aktar leġislazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi (bl-esklużjoni tar-REACH) u l-isfidi, il-lakuni u d-dgħufijiet identifikati"⁸;

Ir-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2018 dwar "L-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari: alternattivi li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart"⁹ u tat-18 ta' April 2019 dwar "Lejn qafas Ewropew komprensiv dwar l-interferenti endokrinali"¹⁰;

³ Dok. 10923/12 - COM(2012) 252 final

⁴ Dok. 5479/18 - COM(2018) 32 final + ADD 1

⁵ Dok. 6916/18 - COM(2018) 116 final + ADD 1 - 7

⁶ Dok. 14204/18 - COM(2018) 734 final

⁷ Dok. 7680/19 - COM(2019) 128 final

⁸ Dok. 10705/19 + ADD 1 - ADD 3

⁹ 2018/2589(RSP)

¹⁰ 2019/2683 (RSP)

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

- L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari;
- Il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent permezz ta' ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi;
- Ekoinnovazzjoni: sabiex tkun tista' ssir transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;
- It-twettiq tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-ekonomija ċirkolari;
- Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030;
- Il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) tal-2018;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA d-deċiżjoni fis-Seba' EAP biex sal-2018 tiġi żviluppata strateġija tal-Unjoni għal ambjent mhux tossiku, enfasizzata mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2016 li fihom il-Kummissjoni ġiet mistiedna wkoll taġġorna l-Istrateġija tagħha tal-1999 dwar l-interferenti endokrinali, u FILWAQT LI JINNOTA bi tħassib li l-Kummissjoni ma rrispettatx dan l-impenn;

FILWAQT LI JINNOTA wkoll li fir-rigward tal-azzjonijiet relatati mas-sustanzi kimiċi, il-Kummissjoni ma wettqitx l-impenni kollha fis-seba' EAP, b'mod partikolari fir-rigward tal-interferenti endokrinali, in-nanomaterjali, l-effetti tal-kombinazzjoni ta' sustanzi kimiċi u tar-riskji relatati mal-użu ta' sustanzi perikolużi u ta' sustanzi kimiċi fil-prodotti, u l-esponiment għalihom;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-importanza li kontinwament jiġi approfondit l-għarfien dwar il-perikoli tas-sustanzi kimiċi u l-effetti (eko)tossoloġiċi u li jiġu indirizzati b'mod adegwat l-inċertezzi rigward l-esponiment għas-sustanzi kimiċi, FILWAQT LI JFAKKAR fis-sinifikat tal-monitoraġġ ambjentali u l-bijomonitoraġġ uman għar-reġistrazzjoni tal-esponiment ikkombinat tal-ambjent u l-bnedmin għas-sustanzi kimiċi u r-rwol uniku ta' dawn l-istrumenti biex tiġi identifikata skopertura li s'issa ma kinitx magħrufa għal sustanzi problematiċi għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u biex tiġi kkontrollata l-effikaċja tar-regoli u r-regolamenti li għandhom l-għan li jnaqqsu tali skopertura; FILWAQT li jissottolinja l-ħtieġa urġenti għal struttura ffinanzjata b'mod sostenibbli għar-riċerka applikata f'dan il-qasam. Din għandha tħaddan fost l-oħrajn kontinwazzjoni tal-inizjattivi eżistenti fl-oqsma tal-bijomonitoraġġ uman, l-iżvilupp u l-adattazzjoni ta' metodi ta' ttestjar fit-tossikoloġija u l-bażi xjentifika għal valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju ta' sustanzi kimiċi;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li valutazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent, il-klima jew is-saħħa ta' sustanzi kimiċi oħra, bħall-pestiċidi, titwettaq fil-qafas ta' proċessi apposta għalihom, bħar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li bħalissa huwa soġġett għal evalwazzjoni REFIT, u tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi;

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-kooperazzjoni regolatorja fis-settur tas-sustanzi kimiċi għandha tissalvagwardja l-istandards u l-prinċipji tal-UE u d-dritt ta' regolamentazzjoni, speċjalment rigward is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles għandhom jipromwovu l-oġġla standards internazzjonali possibbli, b'mod partikolari dawk marbuta mas-saħħa u l-ambjent;

1. JISĦAQ FUQ l-importanza tal-proċess skont l-Approċċ Strateġiku għall-Immaniġġar Internazzjonali ta' Sustanzi Kimiċi (SAICM) biex jiġi żviluppat qafas ta' abilitazzjoni għdid għall-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u l-iskart lil hinn mill-2020, anki bil-ħsieb li tingħata għajna biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; JENFASIZZA l-importanza ta' sinerġiji bejn il-konvenzjonijiet internazzjonali u reġjonali eżistenti kollha dwar is-sustanzi kimiċi u l-iskart; IHEĠĠĠ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex ikomplu jikkontribwixxu b'mod attiv għal dan il-proċess, fost l-oħrajn billi jħejju pożizzjonijiet komuni ċari għall-laqgħat intersessjonali sabiex jinkiseb approċċ fit-tul trasversali u olistiku għall-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u l-iskart fil-livell internazzjonali, li għandu jiġi kkunsidrat mill-organizzazzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, inkluż fil-ħames laqgħa tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġestjoni tas-Sustanzi Kimiċi (ICCM 5); dan jipprovdi opportunità għall-UE biex tikkontribwixxi għal dan il-proċess skont l-oġġettivi politiċi u r-regoli tagħha u, min-naħa l-oħra, jista' jintuża biex ikun hemm benefiċċji għal ġestjoni tajba u effettiva tas-sustanzi kimiċi u l-iskart;

2. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jittejbu u jiġu integrati l-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju kimiku ta' kimiċi fil-leġislazzjoni kollha tal-UE sabiex jiġi evitat piż bla bżonn u jiżdedu l-koerenza u l-effettività tal-leġislazzjoni tal-UE relatata mas-sustanzi kimiċi biex jinkiseb livell għoli ta' ħarsien għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, b'mod speċjali fir-rigward tal-prinċipju ta' prekawzjoni u l-ħarsien effettiv tal-ħaddiema; JAPPOĠĠA l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' twissija bikrija fil-livell tal-UE għall-identifikazzjoni ta' riskji ġodda u emerġenti tas-sustanzi kimiċi li tippermetti t-twettiq ta' azzjonijiet adatti biex iħarsu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u għall-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġu prevenuti jew ikkontrollati kwistjonijiet ta' tħassib;
3. JENFASIZZA l-importanza tar-rieżami u r-reviżjoni, kif adatt, tar-rekwiżiti ta' ttestjar eżistenti biex jiġi żgurat li l-oġettivi dwar is-saħħa ta' rilevanza partikolari għat-tfal u gruppi vulnerabbli oħra jiġu indirizzati b'mod adegwat, konsistenti u koerenti (e.ż. in-newrotossiċità, l-impatti fuq l-iżvilupp tas-sistema immunitarja, l-interferenza endokrinali, it-tossikokinetika eċċ.) fil-leġislazzjoni kollha tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi; JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żviluppat mekkaniżmu rilevanti li jikkoordina l-ħarsien ta' gruppi vulnerabbli bħat-tfal u n-nisa tqal u li qed ireddegħu, inkluż bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti konsistenti tal-ġestjoni tar-riskju f'leġislazzjoni rilevanti tal-UE rigward sustanzi ta' tħassib, inkluż newrotossini u interferenti endokrinali;
4. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tissaħħaħ l-interfaċċa tal-politika dwar ix-xjenza f' kwistjonijiet tas-sustanzi kimiċi u l-iskart, inkluż fil-livell internazzjonali; JENFASIZZA l-importanza ta' finanzjament sostenibbli għar-riċerka u l-innovazzjoni lejn it-titjib tal-fehim xjentifiku tal-impatti ta' sustanzi kimiċi perikolużi fuq l-ambjent, is-saħħa, il-bijodiversità u r-reżiljenza tal-ekosistemi, kif ukoll il-promozzjoni tar-riċerka dwar it-titjib ta' metodi għall-identifikazzjoni ta' perikoli relatati mas-sustanzi kimiċi;

5. JIRRIKONOXXI l-programm ta' riċerka HBM4EU dwar il-bijomonitoraġġ tal-bniedem fl-interfaċċa tax-xjenza u l-politika Ewropea dwar is-sustanzi kimiċi, kif ukoll l-inizjattiva IPChem (Pjattaforma ta' Informazzjoni għall-Monitoraġġ ta' Sustanzi Kimiċi) u JINKORAĠĠIXXI programm ta' riċerka simili dwar il-monitoraġġ ambjentali kif ukoll il-kondiviżjoni u l-użu mtejba tad-data ta' monitoraġġ fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak tal-UE kemm bejn il-pajjiżi kif ukoll bejn l-oqsma ta' politika (e.ż. l-ilma, is-sustanzi kimiċi, l-arja, il-bijomonitoraġġ, is-saħħa, eċċ.) u l-istituzzjonijiet rilevanti; JILQA' l-progress miksub s'issa fil-kombinazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-attivitajiet Ewropej tal-bijomonitoraġġ uman; JITLOB lill-Kummissjoni biex tiżgura li dawn l-attivitajiet jistgħu jitkomplew taħt il-programm Orizzont Ewropa l-ġdid; JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jstimulaw l-iżvilupp ta' infrastruttura xierqa biex id-data tkun kompletament Traċċabbli, Aċċessibbli, Interoperabbli u Utilizzabbli mill-ġdid (FAIR) sabiex jiġi stimulat l-użu mill-ġdid tagħha u tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn;
6. JINKORAĠĠIXXI l-promozzjoni ta' approċċi, bħall-kimika ekoloġika u sostenibbli u alternattivi mhux kimiċi u l-inkorporazzjoni ta' elementi ewlenin ta' dawn il-kunċetti fil-politika tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi permezz ta' miżuri regolatorji, li jsaħħu b'mod speċjali l-isforz biex jinstabu alternattivi għal sustanzi ta' tħassib, u miżuri mhux regolatorji sabiex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet kimiċi u mhux kimiċi sikuri u sostenibbli, inkluż, fost l-oħrajn, il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari mhux tossika; f'dan il-kuntest, JISTIEDEN lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jstimulaw ir-riċerka teknika u l-iżvilupp ta' metodoloġiji adatti, mudelli ta' negozju bbażati fuq is-servizzi u approċċi oħrajn li jkunu sikuri fid-disinn tul il-katina tal-valur kollha fil-proċess ta' innovazzjoni; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu appoġġati b'mod partikolari l-isforzi tal-SMEs lejn is-sostituzzjoni ta' sustanzi ta' tħassib billi jiġu promossi r-R&Ż, l-investimenti f'sustanzi kimiċi sostenibbli u l-innovazzjoni teknoloġika permezz ta' programmi tal-UE, inkluż Orizzont Ewropa; JISĦAQ FUQ id-dritt għall-informazzjoni sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati, kif ukoll il-produtturi, il-bejjieġha bl-imnut u r-riċiklaturi, sabiex isir progress lejn ċikli ċirkolari ta' materjal mhux tossiku u biex jiġi żgurat li jkun sostenibbli l-użu ta' materja sekondarja;

7. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta opzjonijiet biex jiġu introdotti rekwiżiti fil-leġislazzjoni rilevanti tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi biex jiġi żgurat li l-effetti ta' kombinazzjoni tas-sustanzi kimiċi (effetti cocktail) u l-iskopertura kombinata tal-bnedmin u l-ambjent mis-sorsi rilevanti kollha jiġu indirizzati b'mod xieraq u konsistenti fil-proċessi ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' ġestjoni tar-riskju;
8. JISĦAQ FUQ il-hteġa li tiġi żgurata l-ħidma effettiva u effiċjenti tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) billi jiġu stabbiliti finanzjament u riżorsi sostenibbli għall-Aġenzija; JISSOTTOLINJA l-importanza tat-tiżiħ tat-trasparenza u l-kooperazzjoni xjentifika mal-istituzzjonijiet tal-UE u dawk mhux tal-UE, kif ukoll aġenziji deċentralizzati oħra, biex jiġu żgurati l-koerenza u l-benefiċċji mis-sinerġiji u l-involviment tal-ECHA f'oqsma leġislattivi oħra;
9. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-possibbiltà li jkun hemm mekkaniżmu li permezz tiegħu l-aġenziji Ewropej għandhom ikunu jistgħu jwettqu b'mod indipendenti, eċċezzjonalment u għal għadd limitat ħafna ta' każijiet, studji li jkunu komplementari għal dawk ipprovduti mill-industrija, b'mod partikolari f'każijiet kontroversjali jew meta jirriżultaw dubji serji, mingħajr ma jiġi pperikolat il-prinċipju ta' prekawzjoni u ta' min iniġġes iħallas; sabiex tissaħħaħ ir-robustezza tas-sistema mingħajr ma jiġi kompromess il-prinċipju tar-responsabbiltà industrijali;
10. ITENNI l-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2016 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tas-seba' EAP dwar l-iżvilupp ta' strateġija tal-Unjoni definita b'mod ċar għal ambjent mhux tossiku sal-2018; għalhekk, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa, mingħajr aktar dewmien, strateġija tal-Unjoni għal ambjent mhux tossiku f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tas-Seba' EAP, l-SDGs aktar ġenerali u l-oġettiv globali dwar il-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u l-iskart u marbuta mal-politiki attwali tal-UE biex jitħarsu l-ambjent, b'mod partikolari l-Ekonomija Ċirkolari, u l-politiki tal-UE dwar it-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività, li tipproponi oġettivi ċari fuq terminu medju u fit-tul għal politika komprensiva fit-tul tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi sostenibbli;

11. JISĦAQ li l-istrateġija tal-Unjoni għal ambjent mhux tossiku għandu jkollha, fost l-oħrajn, l-għan li tipprevjeni jew li tnaqqas l-esponiment għas-sustanzi kollha ta' tħassib, speċjalment għal sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC), li jiġu introdotti fis-suq jew li jiġu rilaxxati fl-ambjent, sabiex jitnaqqsu b'mod sostanzjali l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mis-sustanzi kimiċi perikolużi; din l-istrateġija għandha tintegra l-prinċipji tal-kimika ekoloġika u sostenibbli fil-linji politiċi tal-UE, inkluż l-approċċi ta' politika transsettorjali, u fost l-oħrajn, tqis ir-Rapport ta' Rieżami REACH, l-interfaċċa ta' sustanzi kimiċi, prodotti u skart u l-konsultazzjoni ta' segwitu tiegħu u s-Sejbiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-leġislazzjoni l-aktar rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi (bl-esklużjoni tar-REACH);
12. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tinkludi fil-proposta tagħha għat-tmien EAP, li għandha tiġi adottata sa mhux aktar tard minn kmieni fl-2020, impenji biex jiġu implimentati l-miżuri ta' segwitu għall-istrateġija tal-Unjoni għal ambjent mhux tossiku u biex jiġu indirizzati sfidi relatati mas-sustanzi kimiċi li jħarsu 'l quddiem;
13. JITLOB lill-Kummissjoni biex tesplora l-merti tal-armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet, ir-rekwiżiti tad-data u l-metodi ta' ttestjar, fil-leġislazzjoni kollha dwar is-sustanzi biex jittejjbu l-konsistenza, l-effiċjenza u t-trasparenza tagħha;
14. JISSOTTOLINJA t-tħassib ambjentali u dwar is-saħħa li qed jiżdied li jirriżulta minn sustanzi kimiċi persistenti ħafna; JINNOTA b'mod speċifiku l-evidenza li qed tikber għal effetti negattivi kkawżati minn skopertura għal komposti fluworurati ħafna (PFAS), l-evidenza għal okkorrenza mifruxa ħafna ta' PFAS fl-ilma, il-ħamrija, l-oġġetti u l-iskart u t-theddida li dan jista' jikkawża lill-provvisti tal-ilma tax-xorb tagħna; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa pjan ta' azzjoni li jelimina l-użi kollha mhux essenzjali tal-PFAS;

Farmaċewtiċi

15. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Approċċ Strateġiku tal-UE għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent li tidentifika sitt oqsma ta' azzjoni li jikkonċernaw l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja farmaċewtika, fejn jista' jsir titjib; JISSOTTOLINJA l-evidenza li qed tikber li farmaċewtiċi speċifiċi u r-residwi tagħhom li jinstabu fil-ħamrija u fl-ilma huma ta' riskju għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u tal-animali;
16. JISĦAQ FUQ l-importanza li jiġu aċċellerati azzjonijiet konkreti u ambizzjużi li jnaqqsu r-riskju għall-ambjent ippreżentat mill-farmaċewtiċi u r-residwi tagħhom, filwaqt li jirrikonoxxi li tenħtieġ aktar riċerka sabiex ikun hemm fehim aħjar tal-firxa tal-impatt emerġenti tar-residwi farmaċewtiċi fuq is-saħħa tal-bniedem u dik ambjentali; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tivvaluta u tiddefinixxi l-miżuri l-aktar effettivi, inkluż miżuri leġislattivi, biex jitnaqqsu l-effetti tal-farmaċewtiċi fl-ambjent u għall-ġlieda kontra l-iżvilupp tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u t-tisħiħ tar-rabta mas-settur tas-saħħa f'dan ir-rigward;

REACH

17. JILQA' r-rapport tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami ta' REACH u JAPPELLA għal implimentazzjoni rapida tal-punti ta' azzjoni identifikati fih;

18. ITENNI l-importanza ta' azzjonijiet konkreti mill-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-konformità u tittejjeb il-kwalità tad-dossiers ta' reġistrazzjoni REACH, peress li din id-data hija l-bażi li fuqha ser jittieħed l-miżuri neċessarji kollha biex jitħarsu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent; JIEĦU NOTA tal-Istrateġija Regulatorja Integrata tal-ECHA u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex timmonitorja l-implimentazzjoni f'waqtha tagħha; JENFASIZZA li d-dossiers ta' reġistrazzjoni rilevanti kollha, jiġifieri dawk li ġew identifikati f'dan il-proċess bħala prijorità għall-ġenerazzjoni tad-data, għandhom jiġu verifikati mill-ECHA għall-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' data standard ta' REACH sal-2028; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal mekkaniżmu effettiv għall-aġġornament tad-dossiers ta' reġistrazzjoni inkluż, pereżempju, domandi ta' aġġornament mill-ECHA fejn ir-reġistrazzjonijiet ma jkunux ġew aġġornati għal żmien twil, kif ukoll miżura għall-aċċelerazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' REACH; JAPPELLA lill-Kummissjoni u l-ECHA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha, biex sa Diċembru 2019 jiżviluppaw pjan ta' azzjoni dwar il-konformità tad-dossiers;
19. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u ta' restrizzjoni ta' REACH billi tittejjeb l-analiżi ta' alternattivi għas-sostituzzjoni ta' SVHC u, b'mod partikolari, biex tiżgura li sustanzi jew teknoloġiji alternattivi li huma ġeneralment disponibbli għall-industrija jiġu introdotti malajr, u tevita is-sostituzzjoni mhux mixtieqa permezz ta' sustanzi li jistgħu joħlqu riskji inaċċettabbli u billi ssaħħa il-ġbir u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni disponibbli bejn l-industrija u l-ECHA; JAPPELLA lill-Kummissjoni u l-ECHA biex jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni fejn ma tkunx suffiċjenti l-informazzjoni disponibbli; kif ukoll JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tibda diskussjoni ġenerali rigward l-analiżi soċjoekonomika, l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' alternattivi, inkluż alternattivi mhux kimiċi, il-livell aċċettabbli ta' riskju kompatibbli mal-livell għoli ta' ħarsien fil-proċessi regulatorji kollha, il-kritikalità tal-użi u l-għażla adatta ta' miżuri tal-ġestjoni tar-riskju sabiex jiġu sfruttati bis-sħiħ l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni bħala mezz ta' ksib tal-eliminazzjoni gradwali ta' sustanzi ta' tħassib; biex jiġi ffaċilitat l-infurzar effettiv tar-REACH u l-leġislazzjoni tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OSH), JISĦAQ FUQ il-ħtieġa għal attenzjoni speċjali biex tiġi żgurata l-koerenza fir-rigward tal-interfaċċa bejn iż-żewġ leġiżlazzjonijiet;

20. IFAKKAR li sal-2020, l-SVHC rilevanti kollha, inkluż is-sustanzi bi proprjetajiet ta' interferenti endokrinali li huma tal-istess livell ta' tħassib, għandhom jitqiegħdu fuq il-lista tal-kandidati REACH u JENFASIZZA li anke wara l-2020 ser ikunu meħtieġa sforzi biex jiġu identifikati SVHC oħrajn possibbli u biex tibqa' tiġi żgurata l-konformità sħiħa tad-dossiers tar-reġistrazzjoni;
21. JITLOB lill-Kummissjoni biex tindirizza r-riskju u l-ġestjoni regolatorja ta' sustanzi ta' tħassib f'materjali rikoverati taħt REACH bil-għan ta' ċikli ta' materjal mhux tossiċi u l-allinjament aħjar ta' politika dwar sustanzi kimiċi, prodotti u skart sabiex jiġi stimulat suq għall-materja prima sekondarja ta' kwalità għolja li l-użu tagħhom ikun sikur għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent;
22. JISSOTTOLINJA li ser ikunu neċessarji sforzi addizzjonali biex jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni tajbin għal oġġetti impurtati u oġġetti manifatturati fl-UE biex jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, billi jiġi ristrett l-użu ta' SVHC f'oġġetti importati fejn tali użu ma jkunx awtorizzat fl-UE, u jiġu evitati żvantaġġi kompetittivi bejn kumpanniji tal-UE u dawk mhux tal-UE; JAPPELLA għat-tisħiħ u r-rinforzar tar-REACH mill-awtoritajiet kompetenti u JITLOB li l-Kummissjoni teżamina opzjonijiet li jiffaċilitaw il-ħidma tal-awtoritajiet doganali, b'mod partikolari dwar il-kodiċi TARIC għal sustanzi, taħlitiet u oġġetti; JISĦAQ FUQ l-importanza tal-ġlieda kontra l-kummerċ illegali u t-traffikar ta' sustanzi perikolużi u l-iskart anki fil-livell globali;
23. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tqis is-simplifikazzjoni tal-Iskedi tad-Data tas-Sikurezza estiżi b'mod partikolari billi jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għal xenarji ta' skopertura u JISTIEDEN lill-ECHA biex tiżviluppa metodoloġiji ta' xenarji ta' skopertura għal taħlitiet;
24. JITLOB lill-Kummissjoni biex taġġorna b'mod regolari l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati dwar l-azzjonijiet meħuda u l-progress miksub fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar ir-rieżami tar-REACH sa Marzu 2020;

Nanomaterjali

25. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li tinġabar informazzjoni dwar l-użi u l-iskopertura rigward in-nanomaterjali u li jiġu aġġornati u mtejba l-valutazzjoni tar-riskju u l-metodi ta' ttestjar validati f'dan ir-rigward; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiffinalizza r-rieżami tar-Rakkomandazzjoni dwar id-definizzjoni ta' nanomaterjali, tirvedih kif meħtieġ u tiżgura li n-nanomaterjali jiġu identifikati u indirizzati b'mod konsistenti fil-leġislazzjoni kollha permezz ta' definizzjoni legalment vinkolanti;
26. JINNOTA li fl-2017 l-ECHA nediet l-Osservatorju tal-UE għan-Nanomaterjali (EUON) b'mandat sal-2020; JITLOB lill-Kummissjoni biex testendi l-mandat tal-ECHA biex jinġabru u jsiru disponibbli data tar-riċerka dwar il-karatterizzazzjoni, il-perikolu u l-iskopertura potenzjali tan-nanoforum ta' sustanzi li s'issa ma kinux irreġistrati taħt ir-REACH għaliex it-tunnellaġġ annwali tagħhom huwa inqas mil-livell limitu ta' tunnellata fis-sena u biex regolarment titlob lill-ECHA biex tevalwa l-prestazzjoni u l-impatt tal-EUON;

Interferenti endokrinali

27. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent billi jitnaqqas l-esponiment għall-interferenti endokrinali, kif approvat mis-seba' EAP, u billi tiġi stimulata s-sostituzzjoni b'sustanzi kimiċi aktar sikuri, sa fejn huwa possibbli b'mod tekniku u prattiku, u biex tipprovdi, mingħajr dewmien bla bżonn, pjan ta' azzjoni b'miżuri ċari u konkreti u skeda ta' żmien ambizzjuża biex isir dan;

28. JILQA' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li taġġorna r-rekwiżiti tad-data fil-leġislazzjonijiet rilevanti kollha sabiex tittejjeb u tiġi aċċelerata l-identifikazzjoni ta' interferenti endokrinali, u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tagħmel dan prijorità għolja u b'ħafna ambizzjoni biex jippermetti l-identifikazzjoni ta' sustanzi b'karatteristiċi ta' interferent endokrinali; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex iżżid il-bażi ta' għarfien rigward il-mekkaniżmi li permezz tagħhom isseħħ l-interferenza endokrinali bl-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' Mezzi B'Eżitu Avvers (AOP) li jappoġġaw il-plawżibbiltà bijoloġika tal-interferenza endokrinali; JILQA' f'dan ir-rigward l-istabbiliment tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Sustanzi Attivi Endokrinali (EASIS);
29. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa approċċ orizzontali għall-identifikazzjoni bbażata fuq il-perikoli u l-ġestjoni tar-riskju ta' interferenti endokrinali filwaqt li jittieħed kont tal-inċertezzi fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' perikoli u l-valutazzjoni tar-riskji għal sustanzi kimiċi b'karatteristiċi ta' interferent endokrinali; u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa urġenti għal attenzjoni speċjali rigward l-effetti cocktail u skoperturi kombinati tal-bnedmin u l-ambjent mis-sorsi rilevanti kollha.